# Italian & French Riviera

## 31 TA' LULJU - 07 T'AWWISSU

**INŻURU:**
Savona, Genova, SantaMargerita Ligure, Portofino, Rappallo, Alassio, Sanremo, Nizza, Antibes, St Maxime, St Tropez, Cannes, Monaco/Monte Carlo, Eze.

### IT-TNEJN 31 LULJU
Niltaqgħu l-ajruport internazzjonali ta' Malta fl-10:30 għat-titjira KM624, tluq fis-13:00. Naslu l-ajruport ta' Milan fis-14:50 fejn nibdew il-vjaġġ lejn ***Savona*** li hija belt port fil-Liguria fil-majjestral tal-Italja. Sistemazzjoni tal-lukanda fil-**Hotel Idea Savona 4 Star** u ħarġa mal-leader mal-promenade Cristoforo Colombo. Ċena fil-hotel.

### IT-TLIETA 1 TA' AWWISSU
Buffet breakfast: Inżuru l-belt ta' ***Genova*** l-Kapitali Ewropea tal-Kultura fl-2004. Ikollna city tour biex niskopru l-aktar postijiet ta' interess bħal Piazza Ferrari biex nammiraw l-arkitettura moderna, Rinaxximentali u Barokka, L-Opera House Neo Klassika Carlo Felice, il-Katedral, Palazzo Ducale u Porta Soprana. Ħin liberu u fl-aħħar l-aktar attrazzjoni kburija ta' Genova fejn nistgħu nammiraw l-Aquarium bil-klieb il-baħar u d-delfini mill-qrib. Nirritornaw lejn Savona u ċena fil-hotel.

### L-ERBGĦA 02 AWWISSU
Buffet breakfast u wara ġurnata mill-isbaħ lejn **Santa Margerita Ligure, Portofino u Rapallo.** L-ewwel waqfa tagħna tkun Santa Marie Ligure, belt mill-aktar attreanti fuq ir-Riveira de Levante. Nibdew din iż-żjara b'passiġġata tul il-promenade pittoresk b'ħafna max-xatt il-baħar. Wara naqbdu s-Servizio Nautico (Extra) biex ingawdu x-xtut ta' din ir-Riviera min angoli differenti sakemm naslu Portofino, wieħed mill-ġojjelli magħruf bħala port sabiħ, resort esklussiv għall-aktar nies sinjuri tal-Ewropa, nobbli u familji notevoli li bnew residenzi tas-sajf f'Portofino. Mixja flimkien madwar l-port, Via Roma u d-Duomo San Martino. Ħin liberu ġo Piazza Liberta' jew fuq il-Molo Umberti 1. Nerġgħu naqbdu l-ferry li jwassalna wara vjaġġ pittoresk ta' nofs siegħa Rapallo. Mixja flimkien mal-promenade akkumpanjat minn kastell medjavali zgħir fejn ingawdu l-bajja pittoreska b'veduti kbar u dawra madwar toroq zgħar fiċ-ċentru tal-belt. Ħin liberu u nirritornaw lejn Savona. Fl-għaxija ħarġa mal-leader madwar toroq dritti u sbieħ tal-belt. Ċena fil-hotel.

### IL-ĦAMIS 03 AWWISSU
Buffet breakfast u wara nħallu Savona biex nibdew vjaġġ pittoresk madwar Liguria li hija żona Kostali, imsejħa r-Riviera Taljana. L-ewwel waqfa tkun ir-Resort ta' **Alassio** li jinsab fir-Riviera delle Palme. Mixja madwar toroq, pjazez, l-bajja meraviljuza u c-centru storiku mimli vilel storiċi u eleganti. Ħin liberu biex wara nkomplu lejn ir-Riviera Del Fiore u nieqfu f'**Sanremo**. Flimkien niskopru destinazzjoni oħra turistika favorita ma' viżitaturi minn madwar l-Ewropa kollha. Medda twila ta' bajja, il-famuż Teatro Ariston li jospita l-Festival tal-Kamżunetta Taljana u l-promenade fejn jispikka l-Casino' f'Corso Degli Inglesi. Ħin liberu u naqsmu l-fruntiera biex nidħlu fir-Riviera Franċiza. Vjaġġ f'din il Cote D'Azur madwar il-kosta Mediterranja tax-Xlokk ta' Franza sakemm nidħlu **Nizza** u jsir check-in fil-**Hotel IBIS Styles Nice Centre Port 3 Star.** Ħarġa mal-leader madwar din it-tieni l-akbar belt Franċiza fuq il-Mediterran.

### IL-ĠIMGĦA 04 AWWISSU
Breakfast u wara jkollna **City-tour ta' *Nizza*** fejn naraw fost l-ohrajn, fil-parti tal-belt il-Qadima fil-wirt Taljan, Le Palais de Justice, l-Opera, Place Garibaldi u l-Katidral Sainte-Repart. Niskopu wkoll Place Massen, Bażilika ta' Notre Dame, Avenue Jean Medecin (fejn insibu ħafna hwienet u l-ġnien Le Jardin Albert). Nitilgħu wkoll bil-lift (ħlas extra) sa fuq l-għolja ta' Nizza fejn naraw veduta meraviljuża ta' Nizza. Wara jkollna ħin liberu għax-shopping u personal sightseeing. Fl-għaxija ningħaqdu ma' tour-leader biex niskopru l-Promenade Des Anglais li matulha niskopru l-isbah veduti sbieħ tal-baħar u Riviera Franċiża.

### IS-SIBT 05 AWWISSU
Breakfast u llum ser inżuru żewġ ibliet sbieħ: ***Antibes u Cannes.*** L-ewwel destinazzjoni Antibes fejn flimkien nagħmlu passeġġata madwar il-Port Vauban, il-katedral li jinsab ġewwa l-ħitan tal-belt u nkomplu nesploraw dan id-distrett pittoresk b'toroq dojoq li jwassluna sal-Fortizza Chateau Grimaldi li llum huwa Mużew ta' Picasso. Ħin liberu biex ingawdu veduti sbieħ tal-baħar u l-port. Inkomplu lejn ***Cannes.*** Ħawnhekk niskopru resort modern fejn flimkien nagħmlu passiġġata madwar din li stilla fuq ir-Riviera Franċiża fejn kull sena jsir l'International Film Festival. Inżuru il-port ċentrali, Boulevard Jean Hibert, il-Casino u Town-hall. Ħin liberu u tluq lejn Nizza.

### IL-ĦADD 06 AWWISSU
Breakfast u Eskursjoni ta' ġurnata fejn l-ewwel immoru St Maxime. Ħawnhekk nagħmlu mixja sabiħa madwar Avenue Charles De Gaulle mimlija ħwienet u siġar tal-palm fejn nammiraw il-Casino Barriere. Ħin liberu u wara naqbdu il-ferry Les Bateaux Verts biex naslu wara 20 minuta f'riżort ieħor ta' fama mondjali St Tropez. Belt kostali popolari għal żmien twil mal-artisti ta' fama mondjali. Magħrufa għall-bajjiet u l-ħajja mifruxa madwar il-kwartier ta' La Poncheli jfakkruna bħala raħal tas-sajd. Jispikkaw il-jottijiet u dgħajjes tas-sajd fil-port il-qadim. Minħabba l-popolarita' tal-port f'St Tropez, ħafna sinjuri min madwar id-dinja jirmiġġaw il-jottijiet tagħhom li jiswew miljuni kbar. Mixja madwar Quai Suffren biex ingawdu dan il-villaġġ pittoresk fir-Riviera Franċiza. Ħin liberu u ritorn lejn Nizza.

### IT-TNEJN 07 AWWISSU
Breakfast u tluq bil-bagalji biex nibdew eskursjoni mill-isbaħ lejn l-istat Indipendenti ta' **Monaco/ Monte Carlo.** Mal wasla city tour biex nesploraw il-Katidral li nbena fl-1875 u l-ġmiel tal-Palazz tal-Prinċep (dħul extra). Ħin liberu u nkomplu bil-coach biex ngħaddu min toroq u bini modern sakemm naslu biex inżuru Casino MonteCarlo. Ħin liberu biex inżuru l-ġnien Eżotiku Ġappuniż bl-isem ta' Princess Grace. Inħallu Monaco u nibdew it-triq panoramika lejn il-villaġġ ta' **Eze** fejn nagħmlu mixja f'toroq dojoq bi djar verament ħelwin min fejn ingawdu veduti spettakolari. Ħin liberu u fl-aħħarnett naqbdu t-triq lejn l-ajruport ta' Nizza għat-titjira tal-Air Malta KM 463 li ttir fid-21:25 u naslu lura Malta fil-23:20.

**8**
**T'IJIEM**

**MINN €**
**1120**
**KULL PERSUNA**

### PREZZ KULL PERSUNA
### HALF BOARD*, ESKURSJONIJIET, TAXXI NKLUŻI

| | Normali | Skontat |
|---|---|---|
| Kamra ta' tlett persuni | €1,170 | €1,120 |
| Kamra żewġ persuni | €1,170 | €1,120 |
| Kamra ta' persuna waħda | €1,470 | €1,420 |
| Tfal sa 11-il sena f'kamra ma' żewġ adulti | €950 | €900 |

### PREZZ JINKLUDI
- Air Malta : Malta-Milan / Nizza – Malta
- Transfers u eskursjonijiet skont il-programm (entraturi mhux inklużi)
- 3 Iljieli- Hotel Idea Savona 4 star
- 4 Iljieli - Hotel IBIS Styles Nice Centre Port 3 Star
- Buffet continental breakfast
- 3 Ikliet ġewwa Savona*
- Taxxi tal-ajruport u city tax
- Tour Leader
- Insolvency protection